# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaûdex jisûielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisûielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeûûak b'cull xorta ta daûl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Apostolat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)
Amministratur: is-Sur Dûardu Galea(str.Cristoforu,numru 174).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EÛÛEL SENA. IL HAMIS, 23 TA MEJJU, 1912. Nru. 15.

*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaûħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneû minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

✝ P. Arciskof u Iskof.

## CINEMATOGRAFU ĠDID

### AHBAR

Nhar ta sibt u nhar ta ħadd, fil għaxıja, jaħdem iċ-CINEMATOGRAFU il ġdid fiċ-Circlu tal *Unjoni Cattolica San Giusepp*, il-Belt, strada Forni, cantuniera ma strada Cristoforu (Palazz *Caraffa*). Jibda fis-7 u jibka sejjer sa xi 'l għaxra. Jista jidħol cull-ħadd. Il ħlas: *sold* għall cbar u *sitt-ħabbiet* għat-tfal. Kassisin, Patrijet, xebbiet u tfal, hemm tistgħu tiddevertu mingħajr ebda biża li tittiesef ruħcom. Dac iċ-Cinematografu żanżnu l'Iskof stess u cull-ma jidher fiħ igħaddi kabel xejn minn taħt għajnejn Sacerdot.

Id-Direttur.

## Tûissija

Il Culletturi biex jiġbru il flus tal gimgħat minn għand l'Imsieħbin tal *Unjoni Cattolica San Giusepp* huma daûn l'erba' Sinjuri: Alfredu Scalpello, Giuseppi Mallia, Vincenzu De Brincat, Antonju Falzon; u min ma iħallasx lil ûieħed minnhom,iħallas ħażin.

Issibuhom iċ-*Circlu* cull-jum: fil ġranet tax-xogħol, mill'*Ave Maria* il-kuddiem; u, nhar ta ħadd, mid-9 u nofs ta fil għodu sa bil-lejl.

It-Tesorier.

## Tilfu rashom.

Ûara li deher fuk il *Habib* l'articlu *L'appostli ġodda*, jidhirli ħaġa xierka ûisk li ûieħed jara xi jgħidu u xi jgħallmu, mhux biss biex mil frott nagħarfu is-siġra, imma l'actar biex naraû illi f' cull ma jgħidu ma hemmx ħlief għideb u ħmerijet; għideb u ħmerijet li huma kiegħdin igħidu għax tilfu rashom.

Il għaliex, meta ûieħed joħroġ biex jgħallem l'eûûel ma għandu ifittex li jirraġuna b'rasu u mhux li jirraġuna (con rispetto parlando) minn għarkubu; għax jista jati il cas, li bħalma isib xi baħnan li jiftaħ ħalku kuddiemu, jeû għax jistagħgeb billi moħħu ma iûassalx, jeû biex jitteûûeb għax bil ġuħ; jista isib ucoll min jistagħgeb bil ħmerijet li jisma, b'mod li chiecu ma icunx jisma il min kiegħed igħidhom, u jaraħ sura ta bniedem, sgur li jaka biex jemmen li darba il ħmir tchellmu.

Tas-seû li aħna ninsabu fi żmien id-daûl u il progress; imma tas-seû ucoll li b'dan il progress collu, b'dan id-daûl collu, intkalu tant ħmerijet, li juru biċ-ċar li min kalhom jinsab l'ura ferm, li tilef rasu, li intfielu il musbieħ tad-daûl tiegħu; għax chiecu sgur chien ifittex igħid ħûejjoġ ġodda, mhux itenni ħmerijet li intkalu fi żminijet oħra u li daħħcu in-nies ta daûc iż-żminijet, li ma chienux jinsabu fil progress u fid-daûl taż-żminijet tagħna.

Mela, il għaliex, nistħajjel min igħidli, il għaliex sejjer turina mil ġdid daûn il ħmerijet, la darba in-nies daħchet biħom ?

Inûiegeb; sejjer narġa intennihom, l'eûûelnett għax daûn il ħmerijet, f'chelma ûaħda it-tagħlim tal *Appostli ġodda*, jecc dari intkalu għall għorrief, daħħcu bihom il għorrief, għax geû icconfutati mil għorrief; u illum kiegħdin jixterdu kalb il poplu, kalb in-nies ta bla scola, fil ħûienet tax-xorb, ġo xi tverna, u fejn x'naf jen; għalhecc jixrak ûisk li il poplu u in-nies ta bla scola jaraû li it-tagħlim taħħom (jiġifieri tal *Appostli ġodda*) hua minn fuk sa isfel żbaljat, biex il poplu u in-nies ta bla scola, flimchien mal għorrief u l'intelligenti, igħidu, tilfu rashom! tilfu rashom!

It-tieni sejjer intennihom,il għaliex daûn l'imsejcnin li tilfu rashom tilfuha hecc icraħ, li cont ta ruħhom ma għandhomx iżjed, u li fit-telfa tal genn taħħom iridu jitilfu ruħ ħaddieħor ucoll; ħalli ûieħed jitlob għalihom ll' Alla l'imbierec biex jarġa ixerred fukhom id-Daûl li huma tilfu, u biex ûieħed f'li stess ħin jaħrabhom jecc ma iridx li ġurnata jitlef rasu u ruħu hu ucoll, il għaliex li Spirtu is-Santu, b'fomm Salamun, fil Proverbi igħid: "aħiar tintaka ma orsa ûara li serkulha l'uliedha, incelè ma l'ibleħ minfuħ bil bluha tiegħu." Haûnhecc il chelma *ibleħ* tfisser bniedem ħażin li ma jibżax la mn'Alla u anka mil bniedmin, bħalma igħid Monsinjur Martini fit-tifsir ta dan il pass li jinsab fil Cap Sbatax, u 12 tal Proverbi. U bir-raġun collu, il għaliex il bniedem ħażin, jeû il ħżiena, agħar ferm mill'orsa irrabjata għax serkulha l'uliedha; din l'actar, l'actar tista toktloc u tirvinalec ġismec; imma daûc jisħtulec ruħec għal dejjem.

Ejjeû, immela, naraû dan it-tagħlim taħħom, biex naraû chif tas-seû tilfu rashom, ħalli naħarbuhom u nitolbu għalihom biex ma rashom ma jitilfux ruħħom ucoll.

Mela, fiż-żminijet l'imgħoddija u fiż-żmien li aħna fiħ dehru il għorrief tad-dinja, li biex igħixu chif jakblilhom kalu li Alla ma jinsabx, ċaħdu l'Alla u ureû chif tas-seû tilfu rashom.

Nistħajjel min igħidli; l'*Appostli ġodda* din id-dagħûa ma kaluhiex, ma ċaħdux l'Alla.

Għandec raġun int li ħsibt hecc; din id-dagħûa ma kaluhiex, ma ċaħdux l'Alla, jiġifieri ma ûaslux biex jiċħdu l'Alla, imma daûc li ċaħdu it-tagħlim tal Cnisja, daûc li ma iridux jokogħdu għal veritajet minn taħħa, daûc li ħalleû il Cnisja pedament u colonna tal verità, biex ingħabru taħt il protestantesmu li nistgħu insejħulu il pinnur li idur mar-riħ tal moħħ tal bniedem, daûn jaslu ucoll biex jiċħdu l'Alla. Ma ûaslux haûn, għax ma humiex boloħ sa barra, għaliex ma iridux jindannaû ûeħidhom; imma iridu jindannaû li ħaddieħor ucoll, iridu jaraû maħħom in-nies, u chiecu bdeû biex mill'eûûel jiċħdu l'Alla, chienu jakelgħu xi tisfira, chienu jibkgħu ûeħidhom; imbagħd, mnejn jeclu ?

Mela, ma nagħmlux ħażin li nibdeû minn ħaġa li għadhom ma għamlux; imma li għad jagħmlu, il għaliex daûn l'*Appostli ġodda* xejn ma huma ankas minn daûc li dehru bnadijet oħra u li bdeú mill'eûûel biex jiċħdu l'Alla. Daûc ictar chienu sincieri, daûn ictar fini u viljacchi.

Daûc li jiċħdu l'Alla, insejjħulhom *atei.* U daûn ma jistħux jiċħdu l'Alla li ħalak is-sema u l'art, li hu bla tarf, fil kaûûa, fil gherf, fil ħakk, fil ħniena, fit-tieba, f'chelma ûaħda fil perfezzjonijet tieghu collha: ma stħaûx jiċħdu din il verità li hi il kofol tal veritajjet l'oħrajn collha. Issa aħna nafu li collox, collox jurina li hemm Alla; il Fidi, ir-raġuni, in-natura, collox, b'mod li Voltaire, il cap ta daûc li jidrilhom li ma ghandhomx jemmnu bħalma tghallem il Cnisja u li deherlu li jista jidħac bi Cristu (aħjar katt ma fettillu dan, forsi ma chienx imut jiecol dac li chiel) fost il ħmerijet li kal, kal ucoll xi verità, ghax culltant chien jiġi f'sessiħ, u ûaħda mil veritajjet li kal hia din: Li ankas prova ûaħda biss ma tinsab contra l'eżistenza t'Alla.

Mela, ghaliex l'*atei* jiċħdu l'Alla? Dan naraûħ darb'oħra.

DUN MANÛEL.

# L'inaûgurazjoni
## Tax-Xirca Nisranija
## SAN GIUSEPP

Il Cumitat tal Ghakda tat-Talb, nhar il ħamis li ghadda, festa ta Labsi, chellu raġun icun ferħan, ghaliex rà illi il ħidma tieghu ghall gieħ tal Kalb ta Gesù u ghall gid tal proxxmu, bil ftuħ ta dar fejn tintghata cull ghajnuna lin-nies tas-snajja, ħadet bidu fil *Palazz Caraffa*, fi strada Forni tal Belt: u chien tas-seŭ bidu chif jixrak lil tant xoghol iebes li seŭa, chif ucoll lill'iscop li ghaliħ sar. F'chelma ŭaħda chienet festa li bħalha ma tantx tara spiss Malta, ghaliex chienet tas-seŭ cbira minn cull fejn tħares lejha. Isimghu xi ħaġa fuk-fuk.

Sa mill' erbagha ta ŭara nofs in-nhar, is-Soci li ġà ighoddu iżjed minn 700, bdeŭ jinġabru fil Palazz imżejjen collu bandieri, ghirlandi tal ŭard u tŭapet cullimchien, fejn geŭ milkugda mil Membri tal Cumitat, liebsin collha bis-surtun u il Monsinjuri bil firjol u is-salib. Fil bitħa chien hemm il Banda tal *Boys Brigade* tas-Salesjani u ma tul it-taraġ collu chienu imkassmin tnejn tnejn it-tfal tal Brigade, liebsin bl'uniformi u b'li xcubetti f'idejhom, biex malli jasal l'Iskof isellmulu bis-salut militari. Ma chienux ghad l'erbagha u nofs u is-sala tat-Teatrin u taċ-Cinematografu li tasa fil ŭisa erba' mit-ruħ bil kieghda, chienet ġà mimljia, u ħafna chellhom jokoghdu bil ŭiekfa mal ħitan, mal bŭieb u fil loġġa. Fil ħamsa nieksin ftit, ŭasal Monsinjur Iskof Portelli u giè milkuħ minn deputazioni tal Cumitat; fil ħamsa imbaghad u xi ftit minuti ŭasal Monsinjur Iskof taghna u giè milkuħ mil Cumitat collu, fil ħin li il Banda dakket sachemm ŭasal f'locu, kalb iċ-ċapcip tal idejn ta cullħadd. Haŭn tas-seŭ li chien fiha ghaxka is-sala, ghaliex ma dŭar l'Iskfijet chien hemm ħafna Canonici tal Catidral u Membri tal Cumitat, ŭarajhom chien hemm iż-Żelatrici nisa tal Ghakda tat-Talb u ŭara daŭn chien hemm Arciprieti, Cappillani, Canonici, Patrijet, Nobbli, Tobba, Avucati, Sinjuri, u katta bla tarf ta Soci, ulied is-snajja.

Beda allura il Programmn tal *inaŭgurazjoni* bi Qŭartett ħelu ħafna, taħt id-direzzjoni tas-Sur Mast Paŭlinu Vassall, imbaghad il Patri Gezŭita Sammut, a nom tal Patri Spiritŭali tal Cumitat, li jinsab Catanja, tà il *Merħba-bic* lill'Iskof bi ftit cliem, imma tajjeb tas-seŭ, u mita spiċċa hu, saret l'*Ave Maria* ta Gounod mill' Orcheslra tas-Sur Mast Vassall u mit-tfal ta *San Ġacbu* tal Belt, li cantaŭ tant tajjeb, illi cullħadd, mita spiċċaŭ, reġġaħhielhom biċ-ċapcip. Ŭara l'*Ave-Maria*, tala fuk il palc is-Sur Commendatur Antonio Lanzun, President tal Cumitat, bniedem ta ghakal u ta dehen cbir, li ħadem bla tarf ghall ŭakfien tax-Xirca, u dan ghamel discors ta siegha u xi minuti fejn ŭera capacità ŭisk cbira fit-Teologija, f'li Storja Ecclesiastica u generali, fil Politica u fl'Economija, ghaliex ittratta l'argument tal Carità bil chif tas-seŭ u ħafna drabi żammeŭħ bit-taħbit tal idejn, specialment mita tchellem tant tajjeb fuk il *Cungress Eucaristicu* u fuk l'Iskof.

Chif spiċċa dan id-discors, l'Iskof tà lill Vicarju li chien ħdejħ Telegramma tal Papa biex jakraħ u cullħadd kam bil-ŭiekfa biex jisma il Barca tal Papa lis-Soci collha, lill familji taħħom u lix-Xirca f'cull ma fiha: chien Telegramma ta 42 chelma u chif spiċċa cullħadd ħabbat chemm felaħ idejħ u xi uħud ghajjtu *Viva Piju Ghaxra.*

Ŭara dan, Monsinjur Iskof tà il Benedizjoni lid-Dar collha; imbaghad, sar l'*Innu tal ħaddiema*, mictub mil Professur Dun Carm Psaila u maghmul bil mużica mil Professur Vassall, il ŭieħed u l'ieħor xierfin fl'arti taħħom, tant li l'innu saħħar il cullħadd u l'aŭturi geŭ imsejjħin fuk il palc kuddiem cullħadd, ŭara li l'innu giè mraġġa b'ħafna ċapċip tal idejn.

Chien imiss allura illi jitchellem bil-Malti mal ħaddiema is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi, Direttur tal ġurnal tal Cumitat, *Il Ħabib.* U min sata jitchellem aħjar mal ħaddiema mis-Sur Ġużè? Cull chelma li kal chienet daŭl lil daŭn in-nies, ghaliex lakat tas-seŭ f'cull ma kal. Chien, imbaghad, ŭisk felici fil cliem li kal fuk id-tbajja fil ħŭejjeġ tal ħaddiem u il ħmieġ fil ħŭejjeġ tal ghażżien fuk l'aŭtorità ta Edmondu De Amicis mita kal ll'ibnu ilu xi 12 il sena, f'Torinu, illi il ghabra tax-xoghol fil ħŭejjeġ hija medalja tal unur; il ħmieġ tal ghażż hua disunur. Chien ucoll felici meta semma ilMonsinjur Grech u l'Imħallef Paŭlu Debonu, żeŭġ ħbieb cbar tal ħaddiema bil cliem u bil fatti, ghaliex ŭieħed meta ghamel li Statuti tal Ghajnuna ta xulxin lil ŭieħed mil Cażini taghna kal illi ried jiżra żerriegha biex tixtered ma cullimchien; u l'ieħor fil ħidma tieghu ghall poplu chien ighid illi jara il ħaddiem u jibchieħ sachemm ma jieħdux ħsiebu.

Mita spiċċa id-discors tas-Sur Ġużè kalb iċ-ċapcip tal idejn, is-Sur Mast Vassall ghamel *Gavotta* tieghu collha pizzicata u ħelŭa ŭisk; imbaghad, sar il Prologu tal *Partita a scacchi* ta Giacosa mis-Sur Camilleri, biex jiżżanżan it-Teatrin u ŭara dan saru tliet rappresentazzjonijet fiċ-Cinematografu, ħalli dan jiżżanżan ucoll, mentri fis-sala tal loghob, f'dic tal Biljard u l'oħra tal kari collox chien iżżanżan u chienu mimlija bin-nies.

Ħallejna id-discors li ghamel Monsinjur Iskof ŭara li spiċċa il cliem tieghu is-Sur Ġużé Muscat-Azzopardi, biex l'aħħar chelma taghna tcun fuk dan id-discors illi ghalchemm kasir, chien però tŭil ŭisk fis-sens tieghu. Chien discors miniatura ta culuri sbieħ u fini, chif jaf jaghmel Monsinjur Paċ.

Din il festa hecc sabiħa li takkghad flimchien l'oghla nies mal ictar baxxi taħt is-Salib u fl'isem ta San Giusepp, chif turi l'arma tax-Xirca fil bandiera, fuk il bieb u cullimchien, spiċċat f'xi it-8 u nofs ta bil-lejl, kalb id-dakk tal Banda u il brindisi li saru fis-sala tar-Ripò bejn ħafna mistiedna, anche fost tas-snajja, chemm chien jati il post.

Nitolbu ll'Alla, chif kal Monsinjur Iskof, li jibghat il barca tieghu fuk dina l'opra li minnha tistenna gih cbir il Cnisja u is-Società.

MONS. GAŬCI.

# Biedja.

Minn ħal Tarxien, fl'14 ta mejju, 1912.

Sur Editur,

Billi jen persŭas li ŭaħda hi ix-xeŭka tieghec u tieghi, il gid tal ghażiż pajjiż tŭielidna, sejjer bil pjacir collu nirrispondi ghal culma tlabtni.

Is-siġra tal ħarrub tissejjaħ is-siġra ta San Ġŭann il Battista, ghax scond ma ighidulna l'antinati taghna mill'ibghd żmien dan il kaddis, li chellu ix-xorti ighammed il Gesù Cristu, meta chien jinsab fid-desert mantna-ruħu bil ħarrub.

Din is-siġra ma tantx trid ilma u xoghol, iżda trid inforr tal blat u actar ma icollha xpacc tal blat ŭisk iżjed hia ticber u tħaddar, ghax icollha fejn tpaxxi il gheruk taħħa.

Din is-siġra mil bdieŭa taghna imissha maħbuba fuk is-siġar l'oħra, l'eŭŭel-nett ghax siġra li tirrendi, fit-tieni loc ghax ma tantx jaghmlulha ħsara ir-rieħ, ir-rŭiefen, il-lupa u it-tempesti tax-xitŭa, u fl'aħħarnett ghax dejjem tħaddar u isservi ta żina ghal pajjiżna, li jena nixtiek li jibdeŭ jitħaŭŭlu xi bghula tal ħarrub mat-trekat.

Tliet xorta ta ħarrub ghandna Malta bħal Skallja, jigifieri tal aħmar, tad-dahar u ta Avola, imsejjaħ hecc ghax minn dan il pajjiż.

Il ħarrub tad-dahar u ta Avola li minnu hemm ħafna fi Skallja hua ŭisk aħjar min tal aħmar ghat-tmiħ tal annimali.

Nixtiek ħafna li it-tilkim ta daŭn is-siġar isir mil ħarrub tad-dahar jeŭ ta Avola li ġà ghandna minnu Malta, ghax actar ghammiel, actar bnin u actar jiżen.

Fil ŭakt li inselli ghalic ħafna, ghoddni dejjem

il ħabib fidil u sincier tieghec,

ŬISTIN RANDON.

# Monsinjur Farrugia.

Ghażiż Sur Ġużè,

Inti ghedt darb'oħra li il *Cunferenza* ta dan il Prelat gharef u ħabriechi dehret stampata u li fiha ŭira biċ-ċar chemm hu sgur li il *Melita tan-Naŭfragju ta San Paŭl chienet Malta*— u mhux Mileda, chif irid ighid l'Iskof Palunko. Meta takraha, din il *Cunferenza*, trid tcun ghama tas-seŭ jeŭ tħobb iżżomm ghajnejc maghluka, biex ma taraf dac id-daŭl jiddi bħal tax-xemx, ghax l'argumenti tal Monsinjur Farrugia ma iħallu ebda bieb miftuħ: ŭara eżami l'actar irkik ta cliem San Luka, ŭara it-tgharbil ta li Storja, ŭara cull xorta ta ragjunar, ŭara ix-xhiedet ta bosta Chittieba cbar, saħansitra bin-*naŭtica*, jigifieri bis-sengha tat-tbaħħir, jidher li chienet Malta u ma setghetx tcun Mileda il *gżira* imsemmiha fil *Ctieb tal Appostli.* U dan ma satax jonkos: l'eŭŭel nett, ghax hecc hu u is-seŭŭa ħadd ma iħassru; u, imbaghd, ghax Monsinjur Farrugia, ħabib ta geŭŭa mal Filosofija, ma li Storja u ma cull xorta ta Letteratura, gharef u ħaddiem, kalbieni u tal ħabta, ruħu 'mfaŭŭra bil ħrara tar-Religjon u bl'imħabba tal Patrija, niseġ din il *Cunferenza* biex jakta' darba ghal-dejjem il qŭistjonijet collha li jistghu jinbtu fuk il migja ta San Paŭl f'Malta.

Imma, b'dan collu, deher ŭieħed f'gażetta ingliża— ŭieħed, m' hemmx bżonn nghidu, li staħa juri ŭiċċu u staħba taħt iż-żeŭġ ittri *H. F.*—biex ighemghem li

—Iddispjaciena ħafna li ma stajniex nakdu lis-Sur S. Montebello ta ħal Kormi u lis-Sur G. Camilleri tal Imġarr, ghax il ŭisa ma taniex li ingibu flimchien in-*Necrologija* u is-*Sunett* fuk li stess meŭt: u, barra milli dàmu ftit ma ŭaslulna, ma chienx xierak li ŭieħed niccuntentaŭħ u l'ieħor le. Nittamaŭ li it-tnejn jatuna l'occażjoni biex inpattulhom b'xi ħaġ'oħra.

—Ħareġ ctieb ġdid bl'isem ta *Congregazzjoni tal ulied ta Marija* li mhux biss hu ta bżonn cbir ghal daŭc li jinsabu mictuba f'dic il Congregazzjoni, imma ta fejda ghal l'erŭieħ collha li jixtieku ighaddu ħajja tajjba. Fiħ 170 faċċata, u jinbieħ *tliet soldi* ghand ir-Reverendu Dottur Dun Anton Vella, Cappillan ta ħal Luka; ghand id-Direttur tad-*Dar ta San Giusepp*, il-Ħamrun; u ghand il Librar Ghejtu Saliba, it-triek ta San Paŭl, 221, il Belt; chif ucoll ghand *G. Muscat*, ta taħt il Monti. M'hemmx bżonn nirriccmandaŭħ aħna ucoll, mita nghidu li ġiè irriccmandat ħafna mill' Iskof stess.

—Is-Sinjuri Spiru Galdes u C.M. De Sani, bis-sensja tal Ministru-Provincjal tal Minuri Conventŭali ta San Frangisc, kieghdin jaghmlu ġabra ta *sold* ir-ruħ minn ghand daŭc collha li, irgiel u nisa, igibu l'isem ta Sant' Antnin, biex b'daŭc il flus li jingemghu, bħala bucchett tal gilju imkieghed f'riġlejn il Cbir Tamaŭturgu ta Padova, issir kuddiesa cull-jum barranija, fil 10 u nofs, fit-Tredicina ta kabel il festa tieghu u fil jum tal festa isir kuddies ieħor fil ħdax, f'nofs in-nhar u fis-siegha. Min jati is-sold ghandu jitniżżel ismu f'carta iffirmata mit-tnejn min-nies li semmejna u mghoddija mil Provincjal: u min ma igibx l'isem tal Kaddis jista iniżżel il ħadd ieħor imsemmi ghaliħ, ħajj jeŭ mejjet. Ħaġa sabiħa, ta kima lill Kaddis tal miracoli, ta gid bla kies ghall' erŭieħ u li taghmel onur lil min gietu l'idija taħħa.

—Mitlubin inħabbru li, ghall cumdità tal Poplu, il Priedchi tax-xahar ta ġunju, b'thejjija ghall festa tal Kalb ta Gesù, f' loc l'Oratorju ta *San Ġŭann*, bħal dari, is-sena isiru fil Cnisja tal Geżŭiti: il bkija collox li stess.

—Fl'aħħar mument, imħabba in-nukkas tal ŭisa, chellna inħallu barra il poeżija tal Prof. Psaila, li chienet diġà maħduma u lesta. Ingibuha il gimgha id-dieħla.

Mil Lucerna tal Ħajja.—8. Min iħenn ghall proxxmu tieghu, ma jistax icun li ma isibx ħniena f'ħajjtu u f'meŭtu.

## Ma daûr id-dinja.

It-Taljani, ŭara Rodi u Stampolja, ħadu erba' gżejjer oħra li huma: Nisero, Piskopi, Khalkia u Scarpanto—Ŭara li sbarc f'Rodi, chellhom battalja cbira mat Toroc, fejn mietu bosta mil banda il ŭaħda u l'oħra—sa fl'aħħar it-Toroc ŭakghu f'idejn it-Taljani, li ghamlu 2,300 prigiunier.— Id-Dardanelli ġeŭ miftuħa nhar il ħadd, 19 tax-xahar, u issa ma tul il gimgha naraŭ fil port bosta vapuri mghobbija bil kamħ—Nittamaŭ ghaldakstant li il ħobż fis jarġa jorħos.

—L'Avvjatur Fisher u ŭieħed American ghani bosta mietu ŭara ŭakgha. L'American ġiè mghaffeġ taħt l'areoplan li kabad.

—Fil 15 tax-xahar, il Sultan tad-Danimarca Federicu, li chien jinsab Amburgo ghal saħtu, miet sobtu.—Hu, li mas-Seguitu tieghu chien kieghed f'lucanda, dic il ghodŭa ħareġ ŭaħdu passiġġata. Meta sar il ħin biex inġabar, ħassu ħażin fejn il lucanda u intilef. Ħadd ma gharfu u ghaldakstant refghuħ mill'art u ħaduħ fi sptar. In-nies tieghu meta raŭ li ghadda bosta il ħin li chellu idraŭŭa li jinġabar, fettxeŭħ cullumchien u fl'aħħar irnexxielhom isibuħ mejjet f'li sptar. mnejn ħaduħ il lucanda. Chellu 69 sena—Ma 'rrenjax ħlief sitt snin. Giè imxandar Sultan minn f'ocu ibnu Cristianu X. Il cadavru tal mejjet Sultan ġà telak ghad-Danimarca, fejn ghandu jiġi midfun.

—Il ghakda tal briganti ta Franza ġiet sa fl'aħħar mekruda.— L'aħħar tnejn, li chienu staħbeŭ f'Nogent, ħdejn Parigi, ġeŭ micxufa u imdaŭŭrin minn suldati, pulizija u poplu li sparaŭ fuk id-Dar li chienu fiha.—Il briganti sparaŭ huma ucoll mijet ta tiri u laktu bosta mil pulizija. Sa fl'aħħar id-dar giet imtajjra bid-dinamite. Ŭieħed, Garncir, sabuħ mejjet, l'ieħor, Valet, ghal-chemm ferit, fittex li jaħrab: iżda giè makbud—Fil ŭakt li f'aŭtomobbli chienu sejjrin biħ li sptar, miet hu ucoll.

—Banditi oħra f'Nova Orleans ŭakkfu it-tren li chien ġejj Nova York u serku £28,000 lira, minghajr ma ghamlu lebda ħsara lill passiggieri.

—Ghall'aħħar ta dan ix-xahar, il Cardinal Bourne, li żarna is-sena li ghaddiet, sejjer jieħu Pellegrinaġġ f'Lourdes, maghkud minn actar minn ħames mit ruħ, fl'imchien mal Iskfijet ta Portsmouth, Leeds, Plymouth u Menevia. — Maħħom sejjrin jieħdu bosta u bosta ħorda li jittamaŭ il fejkien taħħom minn ghand il ħanina Ommna Marija Imkaddsa. L.M.C.G.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN

### CHELMA MAKLUBA

Minn haŭn tilmħu mimli hemm,
minn hinn kal li m'gha dux ħemm.

Rachele Mifsud Bonici.

— —

L'aħħar Xarada chienet:
*Moħ-tieġ*—moħtieġ.

Geŭna ħames titsiriet: imma collha ħziena. Actarx li ġara dan ghax illum ighidu *meħtieġ* f'loc *moħtieġ*, imma il chelma tas-seŭ bil Malti hi chif riedha dac li chiteb ix-Xarada. Araŭ fid-Dizzjunarju ta Falz un u oħrajn.

[*Dun Paŭl*] [*Proprietà letteraria*]

# Omm tasseu u Omm taparsi

*(Mit Talian ta F. Martinengo P. d. M.)*

Il Cappillan ħallihom hecc ftît igħidu, mbagħad issocta:—f'chelma ŭaħda l'ixbihjiet mkaddsa u it-tiżjin l'ieħor collu, li isebbħu il cnejjes tagħna, meta ma fihom xejn li ma jakbilx mgħal kdusija tad-dâr t'Alla (u m'għandûx icun fihom), igħejnub iex ikanklu fîna il fidi u'l ħrâra. Tidħol fi cnisja, l'actar fil festi, donnha genna żgħira. L'ixbihjet tal kaddisîn, ix-xamagħ jixgħel u'l ŭard li bihom imżejjen l'artal, u'l funżjonijiet mkaddsa, u'l cant, u'd-dakk tal orgni, u'n-nies titlob, collox igħejn'na nserrħu ftît kalbna mil ħsiebijiet tad-dinja u nimleŭha b'ferħ kaddis.

Imma idħol fi cnisja tal protestanti, xejn minn dan collu. La artali, la xbihjiet, la dŭal, la ŭard, u la żîna oħra. U dan nista' ngħidu jien, li rajt b'għajnejja; għaliex darba ŭaħda, meta mort Parigi, dħalt bi sball ġo cnisja tal protestanti, li ħsiebtha tal cattolici, u mgħal eŭŭel dakka ta għajn li tajt geŭŭa, ħassejtni bħal csaħt. Istħajjlu sala mogħtija collha l'abjad u mneżżgħa, bil banchijiet f'nofsha, u xi ħamsîn ruħ bilkegħda fukhom, b'għajnejhom lejn pulptu, jeŭ x'chien, u fuku jippriedca kassîs protestant liebes bl'ingravata u surtûn isŭed.

—Din isbaħ! u x'chien kiegħed igħid?—staksa' Majsi, li xtâk jâf actar.

—Biex ngħidlec is-seŭŭa, ankas nâf; għax chîf sibt ruħi hemm geŭ u ntbaħt bli sball, ħsibt u rajt li chien aħjar li noħroġ il barra; għax b' di 'l libsa ta kassîs fuki hemm geŭ, cont nati fl'għajnejn.

—U raŭc?

—Hecc naħseb; għalankas daŭc tal ekreb mil bieb.

— Nistħajjel li daħcu bic?

— X'għamluli b'dakshecc? Jien nidħac bihom, għax għandi actar biex. Imma x'jiena ngħid, nidħac bihom? nitħassarhom: msejcnîn ta għômi.

— Li cont jien, sur Cappillan, (kallu Matti) cont nokgħod, biex nisma x'chien jaf igħid sabiħ dac il priedcatûr ġdîd bl'ingravata u's-surtûn isŭed. U li ħareġ b'xi ħmerija (bħalma actarx iżellku ħafna) cont inŭieġbu chîf ħakku.

— Ħabîb, ma tâfx, li biex iżżomm dispûta magħ protestant kuddiem in-nies, mkâr tcun kassîs, jeħtieġlec takla' is-sensja minn għand il Papa? U mbagħad, taħseb int, li s'er iddaŭru hecc malajr protestant? Bosta minnhom għandhom għâma hecc cbîr fukhom, li ma jaraŭ ebda daŭl, bix-xemx tiżreġ jaħilfulec li hu dlâm ċappa. Nuricom chemm hu hecc fûk l'ixbihjiet mkaddsa. Fûk it-tgħajjir, li taŭhom il protestanti, li huma idolatri, il cattolici ŭieġbuhom l'elûf ta drabi, li huma ma jifhmux jatu kîma lil ixbihjiet, lix-xokka u lil injam; imma lill kaddisîn li *jirrappresentaŭ* jeŭ juru l'ixbihjiet; u dan li kalûlhom, takrah stampât b'ittri acbar u eħxen f'collha chemm huma actarx il catachîsmi, li saħansîtra it-tfal żgħâr igħidûħ fid-duttrîna. U bdancollu daŭn l'imbierchîn ta protestanti iŭebbsu rashom itennulna, li aħna gozz idolatri.

— U mela chîf takbad tagħmel magħhom daŭ'n-nies?

— Chîf? Titlob ll'Alla għalihom, li jatihom id-daŭl. Mil bkija, narġgħu għal ixbihjiet, igagħlec tidħac chîf ighiddbu lilhom infushom daŭn il protestanti. Il Bibbja, igħidu huma, ma trîdx xbihjiet; u mbagħad huma jagħmlu u iżommu xbihjiet ġo darhom mingħajr ebda scrûplu. Għaldakshecc ŭieħed jista icollu ġo daru, bħallichiecu, li xbiha ta Giove il-żieni, ta Marte il chiefer, ta Venere il faħxia jeŭ xi ħaġa agħar; imma ħażîn għalih, jecc jidħlu daŭc ta Gesù Cristu Sîdna u tal Verġni Marija. Mîn hu mbagħad dac il protestant li ma iħobbx iżomm ġo daru (u b'liema għożża!) ir-ritratti ta niesu li mietulu? U jaħsbuha seŭŭa; għaliex b'hecc li huma iseddku t'moħħom u kalbhom it-tifchîra tal maħbubîn tagħhom.

U għaliex mela meta aħna bi xbihjiet bħalhom nfittxu li ngibu kuddiem għajnejna l'imħabba ta Gesù Cristu, li miet għalina fûk is-salib, u'l kdusija ta Ommu il Verġni Marija u'l Kaddisîn, igħajjruna idolatri? Jeŭilla Gesù Cristu, li xerred demmu għalina, m'għandûx icun għalina għeżeż minn chemm krâba għandna? U Marija m'hîx għalina omm l'actar kaddîsa u ħanîna? U icollna kalb inneħħu mil cnejjes u minn ċjarna collma jista' ifaccarna fihom? u ndaŭru għajnejna minn fûk l'ixbihjiet tagħhom? u nistħu daŭn l'ixbihjiet, nfarrcuhom, nitfgħuhom taħt riġlejna bħallichiecu chienu îdli?.... Tasseŭ, li kalb il protestanti, ta comma ankas dejka, hemm fosthom li, bla ma jokogħdu ifittxu ix-xagħra fil għagina, jitilkulec iżżomm f'darec xi xbiha mkaddsa; għax jif hmuha huma ucoll, li jecc għandhom jitneħħeŭ l'ixbihjiet, jeŭ collha jeŭ xejn; imma dac li ma jistgħu igarrgħu b'xejn, hu li aħna għandna ngħożżu daŭn l'ixbihjiet, u li bihom naslu biex natu kîma u gieħ ll'Alla, lil Verġni Marija u lil Kaddisîn.

(12) (*Jissocta*)

# TAĦDITA

## TAD-DIRETTUR TAL "HABIB"

## FIL FTUĦ TAL CAŻIN TAL UNJONI CATTOLICA

# SAN GIUSEPP

## (fis-16 ta mejju 1912--nhar Labsi)

MAĦBUB ARCI-ISKOF TA MALTA,
SINJURI, ĦADDIEMA,

Il Cumitat tal Appostulat tat-Talb irid li jen nitchellem bil Malti, biex cull-ħadd jifhem seŭŭa x'kieghed isir haŭn il-lejla—f'dan il jum ghażiż li ifaccarna mita Sidna Gesù Cristu bierec id-dinja u tala is-Sema, biex minn hemm jibghat li Spirtu is-Santu fuk l'Appostli, li chellhom jissoctaŭ il ħidma tieghu ghall fidŭa tal bniedmin collha: u jen, l'inkas ŭieħed fost in-nies ta dan il Cumitat, l'iċchen ŭieħed fost daŭn l'*Appostli ġodda*—ghax Appostli tas-seŭ huma daŭc collha li jaħdmu ghall'aħjar tal erŭieħ, ghalavolja f'din il Gżira daks ħolka u collha chemm hi Cattolica, la darba haŭn ucoll il Fariżej ta 'llum sabu il Ġuda—jen nobdi ferħan l'ordni ta Sħabi: u infittex li nitchellem fil kasir mill'actar li nista', biex ma 'ndejjakcomx, ŭara dac collu li kalilcom b'ħila u ħrara cbira il President taghna. Inti, mela, li gejt maghżul mn'Alla biex tmexxi il Cnisja Maltija u biex bħala Raghaj tajjeb tindocra din il Merħla ta Cristu mil chefrija tal lpup karrieka, ħallini nitchellem mal Ħaddiema: u ŭettak cliemi bil barca tieghec......

Nies tas-snajja, nies tax-xoghol, intom ilcoll li takelghu il ħobża ta cull-jum bil gharak ta ġbincom, isimghuni.—Lejla ŭaħda, ma 'nżul ix-xemx, ilu xi tnax il sena, fil-ŭakt li il kampiena il cbira tal Catidral ta Turin chienet kieghda tghid bil lingŭa taħha: O Ħaddiema, sellmu lill Madonna u morru inġabru fi djarcom, biex tistrieħu mil ħidma tal ġurnata — bniedem gharef, Edmondu De Amicis, chien ŭiekaf f'nofs ta triek b'ibnu mieghu; u ŭieħed bajjad, mghobbi bil ghodda tieghu, chif chien ghaddejj rasu mghaddsa minn ma genbhom, lakat-mat-tifel u ċappsu bil gir li chien imcasbar biħ.—Ara, Papà, chif ħammiġni!, kal iċ-ċchejchen lill missieru.—Imma: Le, ibni—ŭieġbu De Amicis: la tghidx hecc: ma jisŭiex min ighid hecc: dac m'hux ħmieġ: dic ghakbra tal onur: dic medalja li ghandec tistmaha fuk ħŭejjeġ il ħaddiem gejj mix-xoghol, daks chemm tistma decorazzjoni fuk sider ta suldat gejj mil gŭerra. M'hux ħmieġ it-tcasbir tal ħŭejjeġ u tal gisem bix-xoghol—ħmieġ huma il callijet tal ghażż u tal vizzju!—

Hecc ucoll, o Ħaddiema, naħsibha jena, hecc ucoll jaħsbuha daŭn is-Sinjuri collha li geŭ il-lejla jiltakghu haŭn maghcom. Intom il gharajjes: aħna il ħaddara !

Ghad li hu tŭil is-sellum tal Imsieħbin f'din ix-*Xirca*, ghax chif kieghdin taraŭ b'ghajnejcom mill'iċchen ħaddiema jibka' tiela sal ghola Cbarat ta Malta, sa Monsinjur Arci-Iskof, li ried ucoll jissieħeb maghna u sejjer iħallas bħalcom it-tliet soldi fil gimgha: aħna ilcoll aħŭa—aħŭa fin-natura ta bniedmin, aħŭa fid-demm ta Maltin, aħŭa fil Fidi kaŭŭija u sħiħa tar-Religjon Cattolica. Ilcoll aħŭa: u kuddiem Alla, Sid ta collox, ilcoll xorta ŭaħda.

Gejna, mela, haŭn biex nieħdu id f'id, chif turi dic l'arma ta hemm fuk:(*) u biċċa biex nghinu, biċċa biex jiġu mghejjuna, naħdmu ilcoll flimchien ghall gid ta ruħna u ta gisimna, taħt il patrucinju tal gheżeż ħaddiem fost il bniedmin collha u scond it-taghlim tal Cnisja 'Mkaddsa: dan, chif jidhirli jena, ifissru il chelmiet *Unione Cattolica San Giuseppe*, li jinsabu mictuba fil bandiera li telghet tbatti il-lejla fuk dan iċ-*Circlu*......

Chif naħdmu ghall gid ta ruħna u ta gisimna?....

I. Naħdmu ghall gid ta ruħna billi nidraŭ haŭn geŭŭa nghixu ta Cattolici: jigifieri, l'eŭŭel nett, ma nakraŭx ħlief cotba u gażetti onesti u xierka, cotba u gażetti ta cull taghlim tajjeb, ta cull daŭl sabiħ, ta cull moghdija taż-żmien bla kerk; u hecc inbieghdu minn'na dac il kari velenus li bil ghideb u bil ŭeghdiet ta gid li ma jistghux iseħħu ixeŭŭex contra il Capijet tal Cnisja u contra il Capijet tal Gvern, iħassar il klub bi klajja ta rumanzi disunesti, u bil ġrajja ta delitti coroħ, moħluka minn żnied il chittieba, imexxi fuk it-triek il ħażina tad-disordni = naħdmu ucoll ghall gid ta ruħna billi icollna haŭn Cunferenzi Religjusi fil ħdud u Esercizzi Spiritŭali cull sena = imma fuk collox naħdmu ghall gid ta ruħna billi haŭn naghmluha ma nies rispettabbli, ma nies li jistghu u iridu tas-seŭ *idaŭŭluna* bil gherf taħhom u li jatuna esempi tajjba mita nokoghdu nistudiaŭ chif ghaddeŭ ħajjithom huma—nies galantomi, tal Cleru u Seculari, nies tal onur u nies ghonja, li ma ghandhomx bżonn ikarrku bina u jimleŭlna rasna bil bżieżak, biex ighixu minn fukna—nies, fl'aħħar nett, li, Cattolici bil provi, m'humiex capaci ibieghu ruħhom biex ighinu lil min irid ixerred fostna l'ereżiji tal Protestanti.

Cunu afu, o Ħaddiema, o Nies tas-snajja, li diġà xterdu haŭn Malta eluf ta cotba bit-Taljan contra it-taghlim tal Cnisja Cattolica: contra is-Sagrament tal Krar, contra l'eżistenza tal Purgatorju, contra l'Indulgenżi, contra is-setgha tal Papa u tal Iskof—nisthi nghidu u inħoss ilsieni iżomm, imma ghandi id-dmir li nghidu, saħansitra contra il Madonna u contra il Consagrazzjoni tal Ostja

(*) *Fuk il faċċata tal Palcu-xenicu taċ-Circlu, fejn saret din* IT-TAĦDITA, *hemm pinġuta l'Arma tal* UNJONI CATTOLICA.

---

### IL BARCA TAL PAPA

**(b'telegramm tal Cardinal-Segretarju)**

« Monsinjur Arci-Iskof—Malta.

« F'din l'occażjoni tal ftuħ tal *Unjoni Cattolica San Giusepp* taghcom, l'IMKADDES PAPA, mghaxxak bix-xhieda ta kima li taŭħ l'*Imsieħbin collha* bħal uliedu, JATIHOM BIL KALB IL BARCA APOSTOLICA li talbuħ, b'rahan tal aħjar grazzi tas-Sema—u f'li stess żmien IBIEREC UCOLL IL FAMILJI COLLHA TAĦHOM.

« CARDINAL MERRY DEL VAL.»

Fl' 14 ta mejju.

Imkaddsa! Cotba, m'hemmx bżonn nghidu, mictubin minn frustieri u stampati barra! Cotba, li haŭn, f' ħajjet Alla l'imbierec, ħadd ma lakaħhom tajjeb! Imma is-salt chien ghall Poplu collu, is-salt chien ghalicom ucoll, o Ħaddiema; anzi, l'actar li chien ghalicom, ghax, difatti, mita 'ndunaŭ li bil cotba bit-Taljan chienu kieghdin jisħku fl'ilma, diġà chienu bdeŭ idaŭŭru ghall carti bil Malti: u, chiecu ir-Raghaj ta ruħna ma żammx iebes bis-setgha 'mkaddsa tieghu, dic ix-xmara ta ilma mokżież chienet tinfexx fukcom....

Hecc, mela, o Ħaddiema, infittxu haŭn geŭŭa il gid ta ruħna: billi nakraŭ cotba u gażetti tajjbin, billi nistaghneŭ bit-taghlim tar-Religjon fil Conferenzi u fl' Esercizzi, billi naghmluha ma min irid tas-seŭ u jista' tas-seŭ *idaŭŭlilna* moħħna fil ħŭejjeġ t'Alla.

II. Imma haŭn ucoll il gid ta gisimna, jigifieri il gid ta din il ħajja, il gid tal educazzjoni taghcom.

Li tinġabru haŭn geŭŭa, Ħaddiema onesti u galantomi bejnietcom—u, boghod mil ħŭienet, boghod mix-xorb żejjed u mil loghob tar-rest, boghod mil cliem faħxi u mit-torok ħżiena, idderru xi siegha flimchien b'nefka ċchejcna, fiċ-Cinematografu, fil Biljard, f' loghob ieħor tal moghdija taż-żmien—f'chelma ŭaħda, li tiddevertu bla ma toffendu lilcom infuscom u il proxxmu taghcom—jidhirli li hu diġà ħafna ghalicom. U, bħalma taraŭ b' ghajnejncom, dan collu haŭn lest, ghax il Cumitat tal Appostulat tat-Talb, mghakkad minn ħafna Patrijotti li ghandhom collha il pożizzjoni taħħom, ma riedx iŭieghed biss, imma ried jati: u tà! Dan il Palazz collu ghalicom, biex icollcom il gażetta taghcom, il Cażin taghcom, il Banca taghcom. Imma il kofol u il ghakda ta dan collu hi ix-*Xirca ghall ghajnuna ta xulxin.*

Ma 'rridx ninsa 'nsemmi li *Schejjel ta bil-lejl* u li *Schejjel tal Hdud* li min icun irid jipprofitta-ruħu minnhom, icollu gid cbir ghall' educazzjoni tieghu u ta uliedu; u inkas irrid ninsa il *Caxxa tat-Tifdil*, li bil ftit il ftit tistghu iggemmghu fiha chemxa flus minghajr ma tħossuha, u tieħduha mita tridu, scond il bżonnijet li tinsabu fihom, b'li mghax taħħa; u inkas, fl'aħħar nett, ij *Cunferenzi Socjali*, ghax mal *Cunferenzi Religjusi* icollcom imżeŭŭkin minn daŭn ucoll u minnhom titghallmu cull-ma ghandcom bżonn tcunu tafu fid-dinja; imma, narġa nghidilcom, il ghakda u ir-rabta ta collox hi ix-*Xirca ghall ghajnuna ta bejnietcom.* Xelin u nofs cull-jum u it-Tabib u il mediċini b'xejn, chemm iddumu morda, huma bla xejn dubju barca cbira fid-dar tal Ħaddiem: u, barra minn dan, jecc ŭieħed icorri fix-xoghol jeŭ isib-ruħu kieghed contra kalbu, jista' icollu ucoll il ghajnuna: anzi, saħansitra jecc jigi niekes, min dari chien ighix b'xoghlu isib il faraġ!

Xirca ghażiża! Xirca ta fejda cbira, li taħseb biex thenni il ħaddiem u ir-ragel tas-sengha, fil ħajja u fil meŭt tieghu!

L'Italja, Franza, l'Inghilterra, l'America, cull-imchien, il Ħaddiema kieghdin jimxu il-kuddiem bi *Xriechi* bħal din taghna: u intom ghandcom vantaġġ cbir fukhom—ma nghidx fukhom collha, ghax barra hemm ucoll *Xriechi Cattolici*, ghad li, ħdejn tal Maklubin, huma il biċċa iż-żghira—imma, disgrazzjatament, fuk ħafna minnhom: il vantaġġ li tmarċaŭ taħt il bandiera tas-*Salib*, li dejjem giebet maħħa ir-risk u il barca tas-Sema!

Il ħżiena, l'imbieghdin mn'Alla, il mictubin mas-*Setet*, jaghmlu barra minn Malta daŭn ix-Xriechi bejniethom biex ighinu lil xulxin fil gŭerra misħuta contra l'Artal u contra it-Tron, jigifieri contra il Cnisja u contra il Gvern: intom, ulied San Paŭl, ghamiltuha u iżżommu sħiħ fiha, biex, Cattolici minn tal eŭŭel u sudditi fidili, tħobbu il xulxin u takbżu ghal xulxin chif ighallimcom l'Evangelju!

B'din ix-*Xirca*, ma tcunu katt fkar: u tcunu dejjem irgiel, irgiel onesti, maghcom infuscom u mal oħrajn!......

Jen ma nistax insemmi din ix-*Xirca* bla ma niftacar f'żeŭġ Maltin, li Alla l'imbierec chien tahom gherf cbir u kalb ta Anġli! Żeŭġ Patrijotti, li chienu iħobbu tas-seŭ il Poplu u chienu jixtieku jatuħ id-daŭl ta ghajnejhom u id-dehen collu ta moħħom, biex jaraŭħ fil gid. It-tnejn intemmu kasir il ghomor, ghax donnu gisimhom ma felaħx jasa' iżjed il cobor ta ruħhom u ta kalbhom: imma jen, dan il mument, kieghed nistħajjilhom dieħlin haŭn minn ŭieħed minn daŭc il bŭieb, ferħanin u cuntenti bicom, ferħanin u cuntenti biż-żanżin ta din ix-*Xirca*, li chienet dejjem fil kuċċata tal ħsiebijet taħhom: Monsinjur Grech u l'Imħallef Debonu!

L'Imħallef Debonu, onur u glorja ta din il Gżira, chien ighidli dejjem: Jen ghamilt ir-Regulamenti ta *Xirca ghall ghajnuna ta xulxin bejn id-Dilettanti ta ŭaħda mil Baned taghna*, biex tcun haŭn il-Belt bħal żerriegha: iżda ma 'ncunx cuntent kabel ma nara titŭakkaf Xirca cbira bejn il Ħaddiema tal Poplu collu!—U Monsinjur Grech, Sacerdot maħdum fil forġa tal imħabba ta Gesù: Sa chemm il Ħaddiema u in-nies tas-snajja ma jirtabtux f'*Xirca cbira bejniethom*, jen narahom u nibchihom! Li chienu isibu, ja ħasra!, min idaħħalhielhom f'rashom!....

Ħaddiema maħbubin tieghi, issa din ix-Xirca saret: il Cumitat tal Appostulat tat-Talb, b'dehen u xoghol cbir, irnexxielu iŭakkafha; u il-lejla il Cnisja 'Mkaddsa bierchitha! Ma jonkosx, mela, ħlief ħaġa ŭaħda: ħaġa ŭaħda biss: li intom tifmuha u tagharfu tghożżuha....

Nismaħħom ighidu li aħna il Maltin ma 'nseħħu fl'ebda *Xirca*: anzi, ghandna speci ta proverbju chiefer li ighid: *Is-sħab fl'ajru.* Dan il proverbju jaghmlilna ghajb cbir! Atu, mela, intom il prova li Malta m'hi xejn l'ura minn pajjiżi oħra!

Nitħadtu ċar, l'aħŭa, ghax isbaħ miċċar ma hemmx! Li spejjes huma cbar: u biex din ix-*Xirca* iżżomm u tmur il-kuddiem, jaħtieġ li jiżdiedu l'Imsieħbin fiha: jaħtieġ li jiżdiedu bil bosta, mill'inkas daks chemm huma ieħor, ghax, ghalchemm haŭn ħafna Sinjuri ħbieb taghcom li iridu ighinucom, intom ghandcom taghmlu dmircom biex tghinu-ruħcom mincom infuscom.—Haŭn, mela, il-lejla, kuddiem ir-Raghaj ta ruħna, kuddiem l'Aŭsiljarju tieghu u kuddiem daŭn is-Sinjuri collha li geŭ jifirħu bicom, cull ŭieħed mincom, ta Ħaddiem onest, ta galantom li jaf jistma il gid li sarlu, ghandu jati il chelma lilu in-nifsu li f'kasir żmien, ghada stess, iressak sieħeb ieħor! Cull ħabib ghandu ħabibu, ighid il Malti! U Alla l'imbierec, bil patroċinju ta San Giusepp u tal Imkaddsa Gharusa tieghu, li chienet iddur biħ fil ħanut ta ħaddiem f kajjar, iżomm idejħ fukcom, chif jen, Malti u bin il Poplu bħalcom, nixtiekilcom b'kalbi collha!....

Kabel nispiċċa, ghandi naghmlilcom talba u tŭissija. It-Talba iridni naghmilhielcom il Cumitat: u hi din: li chiecu il ħlas tal gimgha tiġu tħallsuħ haŭn, f'din id-Dar taghcom stess, chemm jista' icun nhar ta ħadd, ghax inchella, billi l'Imsieħbin huma 'mxerrda ma Malta collha, daŭc li ghandhom jiġbru il gimghat icollhom taħbit ŭisk u giri cbir. It-tŭissija irrid naghmilhielcom jen, minn jeddi, ghax inħobbcom: inducraŭ tajjeb li ma tonksux mil ħlas tal gimgha, ghax min jonkos tliet gimghat jitlef id-dritt collu ghall ghajnuna. Dan ighiduħ ir-*Regulamenti*, li huma Ligi ghalina: u il Cumitat stess, bil voti tieghu collha, din il biċċa ma icunx jista' iseŭŭihielcom, ghax ir-*Regulamenti* fukcom u fuku....

L'aħħar chelma. Is-sena li gejja— bejn ŭieħed u ieħor bħal daż-żmien— f'gheluk l'eŭŭel sena ta din ix-*Xirca*—tiġri ħaġa cbira haŭn Malta, ħaġa li tibka' tissemma f' li Storja taghna! Icun haŭn il *Cungress Eucaristicu*, li ikieghed l'acbar ġaŭhra fil coruna ta fuk ras dac ix-Xŭejjaħ imbierec! Jiġu haŭn Malta mill'akŭa bliet tad-dinja collha Cardinali, Iskfijet, Milordi u Cbarat, eluf ta Cattolici, biex, fil ħin li jatu kima flimchien maghna lis-Sagrament Imkaddes, ixerrdu haŭn flushom u jitghaxxku bil Fidi Cattolica taghna u bil ġmiel ta din il Gżira nadifa u xemxija. Cunu afu, o Ħaddiema, li aħna barra pinġuti ħażin ŭisk mil ghedeŭŭa taghna: u tcun dic l'isbaħ occażjoni biex nuru lid-dinja x'aħna u min aħna! Oh, chemm tcun ħaġa sabiħa, jecc fil Processjoni bla tarf li tmarċa minn *San Ġŭann* ghall Furiana, tidher Bandiera ġdida, b'eluf ta Ħaddiema Maltin mexjin ŭarajha— *il Bandiera ta din ix-Xirca taghna!*

G. Muscat-Azzopardi.